

32001R0539

L 81/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.3.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 539/2001

tal-15 ta' Marzu 2001

li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 62, il-punt (2)(b)(i) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Permezz ta' l-Artikolu 62, il-punt (2)(b) tat-Trattat, il-Kunsill għandu jadotta regoli li jirrigwardjaw il-viżi għall-soġġorni ntiżi ta' aktar minn tlett xhur, u f'dak il-kuntest huwa meħtieġ li tkun determinata l-lista ta' dawk il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa. L-Artikolu 61 jelenka dawk il-listi fost il-miżuri laterali li huma direttament marmuta mal-moviment ħieles ta' persuni ġewwa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizja.
- (2) Dan ir-Regolament isegwi mill-acquis Schengen bi qbil mal-Protokoll li jintegrah fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, minn hawn il-quddiem referuta bħala il-"Protokoll Schengen", Dan ma jaffetwax l-obbligi tal-Istati Membri li jirizultaw mill-acquis kif definit fl-Anness A tad-Deċiżjoni 1999/435/KE ta' l-20 ta' Mejju 1999 li tikkonċerna d-definizzjoni tal-acquis Schengen għall-iskop tad-determinazzjoni, b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea u tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, il-bażi legali għal kull waħda mid-dispożizzjonijiet jew id-deċiżjonijiet li jikkostitwixxu l-acquis ⁽³⁾.
- (3) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi aktar żvilupp ta' dawk id-dispożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom koperazzjoni

aktar mill-qrib kienet ġiet awtorizzata permezz tal-Protokoll Schengen u jidħol fil-qasam referut fl-Artikolu 1, il-punt B, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika ta' l-Islanda u tar-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma l-implementazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis Schengen ⁽⁴⁾.

- (4) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, l-Irlanda u r-Renju Unit m'humiex jipparteċipaw fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Konsegwentament u mingħajr preġudizzju ta' l-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi qabel, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma japplikaw la għall-Irlanda u anqas għar-Renju Unit.
- (5) Id-determinazzjoni ta' dawk il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma suġġetti għall-ħtieġa tal-viża, u dawk eżentati minnha, hija rregolata minn kriterja meqjusa, bl-assessjar tal-każ b'każ tal-varjetà tal-kriterja li tirrigwardja, *inter alia*, l-immigrazzjoni illegali, l-istrateġija u s-sigurtà publika, u tar-relazzjonijiet esterni ta' l-Unjoni Ewropea ma pajjiżi terzi, konsiderazzjoni għandha wkoll tkun mogħtija għall-implikazzjonijiet ta' l-għaqda u r-reċipriċità. Id-dispożizzjoni għandha għalhekk għall-mekkaniżmu tal-Komunità li jiffaċilita dan il-prinċipju ta' reċipriċità li għandu jkun implementat jekk wieħed mill-pajjiżi terzi inklużi fl-Anness II ta' dan ir-Regolament jiddieċedi li jagħmel liċ-ċittadini ta' wieħed jew aktar Stati Membri li jkun suġġetti għall-obbligu tal-viża.
- (6) Minħabba li l-Ftehin dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea jeżenta ċ-ċittadini ta' l-Islanda, Liechtenstein u tan-Norveġja mill-ħtieġa tal-viża, dawk il-pajjiżi ma humhiex inklużi fil-lista ta' l-Anness II tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 177 E, tas-27.6.2000, p. 66.

⁽²⁾ L-Opinjoni tal-5 ta' Lulju 2000 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 176, ta' l-10.7.1999, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 176, ta' l-10.7.1999, p. 31.

- (7) F'dak li jirrigwardja persuni minghajn stat u r-refuġjati rikonnoxxuti, minghajn preġudizzju għall-obbligi permezz tal-ftehim internazzjonali iffermati mill-Istati Membri u partikolarment il-Ftehim Ewropew dwar l-Abolizzjoni tal-Viżi għar-Refuġjatim iffermat fi Strasbourg fl-20 ta' April 1959, id-deċiżjoni rigward il-ħtieġa jew l-eżenzjoni tal-viża għandha tkun ibbażata fuq il-pajjiż terz li fih dawk il-persuni jabitaw u li jkunu ħarġu d-dokumenti tal-ivjaġġar. B'dana kollu, meqjusa d-differenzi fil-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli għall-persuni minghajn stat u għal refuġjati rikonnoxxuti, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu jekk dawn il-kategoriji ta' persuni għandhom ikunu suġġetti għall-ħtieġa tal-viża, meta l-pajjiż terz li fih dawn il-persuni jkunu abitanti u li joħroġ id-dokumenti għall-ivjaġġar tagħhom ikun pajjiż terz li ċ-ċittadini tiegħu huma eżentati mill-ħtieġa tal-viża.
- (8) F'każi speċifiċi meta r-regoli speċjali tal-viża huma ġġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw ċerti kategoriji ta' persuni mill-ħtieġa tal-viża jew li jimponuha fuqhom bi qbil mal-liġi jew il-konswetudini internazzjonali pubblika.
- (9) Bil-għan li jkun assigurat li s-sistema tkun amministrata minghajn haġi u li l-persuni ikkonċernati jkunu nfurmata, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lejn l-Istati Membri u lejn il-Kummissjoni il-miżuri li għandhom jittieħdu bis-saħħa ta' dan ir-Regolament. Għall-istess raġunijiet, l-informazzjoni għandha wkoll tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.
- (10) Il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dħul fit-territorju tal-Istati Membri jew li l-ħruġ tal-viżi ma jkunux jaffettwaw ir-regoli li bħal issa jirregolaw ir-rikonoxximent tal-validità tad-dokumenti tal-ivjaġġar.
- (11) B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità mistqarr fl-Artikolu 5 tat-Trattat, li jiddigrietta Regolament li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom pussess ta' viżi meta jaqsmu l-fruntieri esterni, u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa, huwa kemm meħtieġ u mezz xieraq li jassigura li r-regoli komuni tal-viża ikunu operati b'effiċjenza.
- (12) Dan ir-Regolament jipprovdi għall-armonizzazzjoni sħiħa f'daw li jirrigwardja l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma suġġetti għall-ħtieġa tal-viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa. B'dana kollu, l-applikazzjoni ta' l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta' ċerti pajjiżi terzi, li huma elenkati fl-Anness II, għandha tidħol fis-seħħ biss aktar tard. Għal dan il-għan, il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni dwar kull wieħed minn dawk il-pajjiżi fuq il-bażi tar-rapporti imħejjija mill-Kummissjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi elenkati fil-lista ta' l-Anness I għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom il-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri.
2. Minghajn preġudizzji għall-Artikolu 8(2), iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma elenkati fil-lista ta' l-Anness II għandhom ikunu eżentati mill-ħtieġa stabbilita fil-paragrafu 1, għal soġġorni ta' total ta' mhux aktar minn tlett xhur.
3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ġodda li preċedentament kienu parti mill-pajjiżi fil-listi ta' l-Annessi I u II għandhom ikunu suġġetti rispettivament għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2u sakemm il-Kunsill ma jiddeċiedix mod ieħor permezz tal-proċedura stabbilita fid-dispożizzjoni rilevanti tat-Trattat.
4. L-istabbiliment minn pajjiż terz elenkat fil-lista ta' l-Anness II dwar il-ħtieġa ta' viża għal ċittadini ta' Stat Membru għandu jikkawna l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin, minghajn preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' xi ftehim li l-Komunità kienet setgħet ikkonkludiet ma dak il-pajjiż terz bl-għoti ta' l-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża:
 - (a) l-Istat Membru jista' jinnotifika bil-kitba lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar il-fatt li l-pajjiż terz ikunu stabbilixxa il-ħtieġa tal-viża.
 - (b) Fil-każ ta' tali notifika, l-obbligu tal-Istati Membri jimponu fuq iċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikonċernat il-ħtieġa tal-viża għandu jkun stabbilit proviżjonalment għal 30 jum minn wara n-notifika sakemm il-Kunsill, li jaġixxi bil-quddiem b'maġġoranza kwalifikata, ma jiddeċiedix mod ieħor;
 - (ċ) l-introduzzjoni proviżorja tal-ħtieġa għall-viża għandha tkun ippubblikata mill-Kunsill, fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, qabel ma din tidħol fis-seħħ;
 - (d) il-Kummissjoni għandha teżamina kwalunkwe talba mressqa mill-Kunsill jew minn Stat Membru li din għandha tressaq proposta lejn il-Kunsill li temenda l-Annessi ta' dan ir-Regolament sabiex ikun inkluż il-pajjiż terz ikkonċernat fl-Anness I jew li jkun imneħħi mill-Anness II;
 - (e) jekk, qabel l-adozzjoni mill-Kunsill ta' tali emenda għall-Annessi ta' dan ir-Regolament, il-pajjiż terz iħassar id-deċiżjoni tiegħu li jstabbilixxi l-ħtieġa għall-viża, l-Istat Membru ikkonċernat għandu immedjetament jinnotifika bil-kitba lill-Kummissjoni u lill-Kunsill skond kif xieraq;
 - (f) tali notifika għandha tkun ippubblikata mill-Kunsill fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. L-introduzzjoni proviżorja tal-ħtieġa għal viża għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għandha tkun imħassra 7 tjiem wara d-data tal-publikazzjoni.

Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, "viża" għandha tfisser l-awtorizzazzjoni mahruġha minn Stat Membru jew b'deċiżjoni meħudha minn tali Stat li tkun meħtieġa bil-għan li:

- tad-dħul għal soġġorn intiż f'dak l-Istat Membru jew f'diversi Stati Membri ta' mhux aktar minn total ta' tlett xhur,
- tad-dħul għal transitu matul it-territorju ta' dak l-Istat Membru jew diversi Stati Membri, aparti milli għat-transitu fajruport.

Artikolu 3

Mingħajr preġudizzju għall-obligi permezz tal-Ftehim Ewropew dwar l-Abolizzjoni tal-Viżi għar-Refuġġjati, iffermat fi Strasbourg fl-20 ta' April 1959, refuġġjati rikonoxxuti u persuni mingħajr stat:

- għandhom ikunu suġġetti għall-ħtieġa tal-viża jekk il-pajjiż terz li fih huma jabitaw u li jkun ħareġ id-dokument tal-ivvjaġġar tagħhom ikun wieħed mill-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I;
- jistgħu ikunu eżentati mill-ħtieġa tal-viża jekk il-pajjiż terz li fih huma jabitaw u li jkun ħareġ id-dokument tal-ivvjaġġar tagħhom ikun wieħed mill-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II.

Artikolu 4

1. Stat Membru jista jipprovi għal eċċezzjonijiet mill-ħtieġa tal-viża li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 1(1) jew mill-eżenzjoni mill-ħtieġa għall-viża li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 1(2), f'dak li jirrigwardja:

- (a) d-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, passaporti ta' dover uffiċjali u l-passaporti uffiċjali l-oħrajn;
- (b) l-ekwipaġġ pajżana kemm ta' l-ajru u wkoll tal-baħar;
- (c) l-ekwipaġġ tat-tirjira u l-attendent i fuq titjiriet ta' emerġenza jew salbataġġ u dawk l-oħrajn li jagħtu l-għajnuna fl-okkorrenza ta' xi disastru jew inċident;
- (d) l-ekwipaġġ pajżana ta' vapuri li jbaħhlu fibhra internazzjonali;
- (e) id-detenturi tal-*laissez-passer* maħruġ minn uħud mill-organizzazzjonijiet intergornamentali internazzjonali lill-uffiċjali tagħhom.

2. Stat Membru jista jeżenta mill-ħtieġa tal-viża student tal-iskola li jkollu ċ-ċittadinza ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness I li jabita f'pajjiż terz elenkat fl-Anness II u li jkun jivvjaġġa bħala parti minn ġita tal-iskola bħala membru ta' grupp ta' studenti tal-iskola li jkunu akkumpanjati minn għalliem mill-iskola f'dak il-każ.

3. Stat Membru jista jipprovi għal eċċezzjonijiet mill-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 1(2) f'dak li jirrigwardja l-persuni li jwettqu attività bi ħlas matul is-soġġorn tagħhom.

Artikolu 5

1. Fi żmien 10 t'ijiem utili mid-dħul b'effett ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bill-miżuri meħuda bis-saħħa ta' l-Artikoli 3, it-tieni nċiż u l-Artikolu 4. Aktar tibdilit għal dawk il-miżuri għandhom l-istess ikunu ikkommunikati fi żmien ħamest ijiet utili.

2. Il-Kummissjoni għandha tippublika il-miżuri ikkommunikati bis-saħħa tal-paragrafu 1 fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* għal skopijiet ta' l-informazzjoni.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-kompetenza tal-Istati Membri f'dak li jirrigwardja r-rikonoxximent ta' Stati u unitajiet territorjali u l-passaporti, id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar u ta' l-identità maħruġa mill-awtoritajiet tagħhom.

Artikolu 7

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 574/1999 ⁽¹⁾ għandu jkun mibdul b'dan ir-Regolament.

2. Il-verżjonijiet finali tal-Istruzzjoni Konsulari Komuni (CCI) u tal-Manwal Komuni (CM), hekk kif jirriżultaw mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen tat-28 ta' April 1999 (SCH/Com-ex(99) 13) għandhom ikunu emendati kif ġej:

1. l-intestatura ta' l-Anness 1, il-parti I tal-CCI u l-Anness 5, il-parti I tal-CM, għandha tkun mibdulha b'dan li ġej:

“Lista Komuni ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma suġġetti għall-ħtieġa tal-viża imposta bir-Regolament (KE) Nru 539/2001”;

2. il-lista fl-Anness 1, il-parti I tal-CCI u l-Anness 5, il-parti I tal-CM, għandha tkun mibdulha bil-lista fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

3. l-intestatura ta' l-Anness 1, il-parti II tal-CCI u l-Anness 5, il-parti II tal-CM, għandha tkun mibdulha b'dan li ġej:

“Lista Komuni ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati mill-ħtieġa tal-viża imposta bir-Regolament (KE) Nru 539/2001”;

4. il-lista fl-Anness 1, il-parti II tal-CCI u l-Anness 5, il-parti II tal-CM, għandha tkun mibdulha bil-lista fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

5. il-parti III ta' l-Anness 1 tal-CCI u l-parti III ta' l-Anness 5 tal-CM għandha tkun imħassra.

3. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv ta' Schengen tal-15 ta' Diċembru 1997 (SCH/Com-ex(97)32) I tas-16 ta' Diċembru 1998 (SCH/Com-ex(98)53, rev.2) għandhom ikunu mħassra.

Artikolu 8

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

2. B'dana kollu, għal ċittadini tal-pajjiż terz fl-Anness II immar-kat bi still, id-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-Artikolu 1(2) għandha tkun deċiża sussegwentament mill-Kunsill, li jaġixxi b'konformità ma l-Artikolu 67(3) tat-Trattat, fuq il-bażi tar-rapport referut fis-subparagrafu li ġej.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista titlob lill-pajjiż ikkonċernat li jindika liema impenji huwa jkun ippreparat li jintrabat magħhom dwar l-immigrazzjoni illegali u r-residenza illegali, inkluża r-ripatriazzjoni ta' persuni minn dak il-pajjiż li huma residenti illegalment, u li tressaq rapport dwar dan lejn il-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Kunsill bl-ewwel rapport, akkumpanjat minn xi rakkommandazzjonijiet utili, mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2001.

⁽¹⁾ ĠU L 72, tat-18.3.1999, p. 2.

Sa kemm issegg l-adozzjoni mill-Kunsill ta' l-att li jinkorpora d-deċiżjoni msemmija hawn fuq, il-ħtieġa stabbilita fl-Artikolu 1(1) għandha tkun applikabbli għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż. L-Artikoli 2 sa 6 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu applikabbli bis-sħiħ.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri bi qbil mat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Marzu 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

M-I. KLINGVALL

L-ANNEX I

Il-lista komuni referuta fl-Artikolu 1⁽¹⁾

1. STATI

L-Afganistan	Il-Gabon
L-Albanija	Gambja
L-Alġerija	Il-Ġeorġja
L-Angola	Il-Gana
Antigwa u Barbuda	Il-Grenada
L-Armenja	Il-Gwinea
L-Ażerbajġann	Gwinea-Bissau
Il-Baĥamas	Il-Gujana
Il-Baĥrejn	Haïti
Il-Bangladexx	L-Indja
Il-Barbados	L-Indoneżja
Il-Belarus	L-Iran
IL-Beliż	L-Iraq
Il-Benin	Il-Ġamajka
Il-Butan	Il-Ġordan
Il-Bosnia u Herzegovina	Il-Kazakstan
Il-Botswana	Il-Kenja
Il-Burkina Faso	Kiribati
Il-Burma/Mjanmar	Il-Kuwajt
Il-Burundi	IL-Kriġiżstan
Il-Kambodja	Il-Laos
Il-Kamerun	Il-Lebanon
Il-Kap Verde	Il-Lesoto
Ir-Repubblika Ċentrali Afrikana	Il-Liberja
Iċ-Ċadd	Il-Libja
Iċ-Ċina	Il-Madagaskar
Il-Kolumbja	Il-Malawi
Il-Kongo	Il-Maldivi
Il-Côte d'Ivoire	Il-Mali
Il-Kuba	Il-Gżejjer Marshall
Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo	Il-Mawritanja
Id-Dġibuti	Il-Mawrizju
Domenika	Il-Mikroneżja
Ir-Repubblika Domenikana	Il-Moldovja
L-Eġittu	Il-Mongolja
Il-Gwinea Ekwatorjali	Il-Marokk
L-Eritrea	Il-Możambik
L-Etjopja	In-Namibja
Ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja (Serbja-Montenegro)	In-Nauru
Il-Fiġi	In-Nepal
Dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	In-Niġer

⁽¹⁾ Ara l-Artikolu 8(2).

In-Niġerja	Is-Surinam
Il-Korea ta' fuq	Swazilandja
Il-Marjanas tat-Tramuntana	Is-Sirja
L-Oman	It-Taġikistan
Il-Pakistan	It-Tanżanija
Il-Palaw	It-Tajlandja
Il-Papwa l-Gwinea l-Ġdida	Il-Komoros
Il-Peru	It-Togo
Il-Filippini	It-Tonga
Il-Qatar	Trinidad u Tobago
Ir-Russja	It-Tunisja
Ir-Rwanda	It-Turkija
Saint Kitts u Nevis	It-Turkmenistan
Santa Luċija	It-Tuvalu
Saint Vincent u l-Grenadine	L-Uganda
São Tomé és Príncipe	L-Ukrajna
L-Arabja Sawdita	L-Emitari Arab Magħquda
Is-Senegal	L-Uzbekistan
Is-Sejxell	Il-Vanwatu
Sierra Leone	Il-Vjetnam
Il-Gżejjer Solomon	Is-Samoa tal-Punent
Is-Somalja	Il-Jemen
L-Afrika t'Isfel	Iż-Żambja
Is-Sri Lanka	Iż-Żimbabwe
Is-Sudan	

2. L-ENTITAJIET U L-AWTORITAJIET TERRITORJALI LI MA HUMIEX TIKONOXXUTI BĦALA STATI B'MILL ANQAS STAT MEMBRU WIEĦED

It-Timor tal-Vant
L-Awtorità Palestinjana
It-Taiwan

L-ANNEX II

Il-lista komuni referuta fl-Artikolu 1(2)

1. STATI

L-Andorra	Il-Litwanja
L-Arġentina	Il-Malażja
L-Awstralja	Malta
Il-Bolivja	Il-Messiku
Il-Brażil	Monako
Il-Brunej	New Zealand
Il-Bulgarija	In-Nikaragwa
Il-Kanada	Il-Panama
Iċ-Ċili	Il-Paragwaj
Il-Kosta Rika	Il-Polonja
Il-Kroazja	Ir-Rumanija (*)
Ċipru	Salvador
Ir-Repubblika Ċeka	San Marino
L-Ekwador	Singapore
L-Estonja	Is-Slovakkja
Il-Gwatemala	Is-Slovenja
Is-Santa Sede	Il-Korea t'Isfel
Il-Honduras	L-Iżvizzera
L-Ungerija	L-Istati Uniti ta' l-Amerika
L-Iżrael	L-Urugwaj
Il-Ġappun	Il-Venezwela
Il-Latvja	

2. IR-REĠJUNI AMMINISTRATTIVI SEP-JALI TAR-REPUBBLIKA TAL-POPLU

TAC-ĊINA, Hong Kong SAR (1)

Makaw SAR (2)

(1) L-eżenzjoni tal-ħtieġa ta' viża hija applikabbli biss għad-detenturi ta' passaport "Reġiun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong".

(2) L-eżenzjoni tal-ħtieġa ta' viża hija applikabbli biss għad-detenturi ta' passaport "Região Administrativa Especial de Macau".

(*) Ara artiklu 8 (2)